**5 ta' Ottubru, 1995**

**Imħallef:-**

**Onor. Joseph Said Pullicino B.A.(Hons.), LL.D.**

Rita Calleja

*versus*

Joseph Agius

## Inċident tat-Traffiku - *Zebra Crossing - Pedestrian*

*Iż-*zebra crossing *ma tagħti l-ebda immunita' lill-*pedestrian *li jaqsam kif ġie ġie jew bl-addoċċ bla ma jagħti każ li bl-aġir tiegħu jissorprendi lid-*driver. *Il-*pedestrian *għandu l-obbligu li juża ż-*zebra crossing *bil-prudenza u b'mod li l-aġir tiegħu ma jkunx tant irraġonevoli li jimbarazza lid-*driver *attent.*

Il-Qorti:-

Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attriċi ppremettiet:

"Illi fis-16 ta' Ottubru, 1993 fi Triq il-Kostituzzjoni, il-Mosta waqt li l-attriċi kienet qed taqsam minn fuq iż-*zebra crossing* intlaqtet mill-vettura b'numru ta' reġistrazzjoni G-5854, misjuqa mill-konvenut;

Illi l-attriċi sofriet ġrieħi bħala riżultat ta' l-inċident;

Illi dan l-inċident ġara b'negliġenza, imperizja u nuqqas ta'

osservazzjoni tar-regolamenti unikament tort tal-konvenut;

Talbet li għar-raġunijiet fuq premessi, din il-Qorti:

Tiddikjara u tiddeċidi li l-inċident tas-16 ta' Ottubru, 1994 fi Triq il-Kostituzzjoni, il-Mosta, ġara unikament tort tal-konvenut, kawża ta' negliġenza, imperizja u nuqqas ta' osservazzjoni tar-regolamenti da parti tiegħu, li hu għalhekk responsabbli għall-ġrieħi sofferti mill-attriċi riżultat ta' l-inċident u konsegwentement responsabbli wkoll għad-danni konsistenti f'*dannum emergens* u *lucrum cessans*;

Tillikwida d-danni sofferti mill-attriċi jekk hemm bżonn permezz ta' periti *nominandi*;

Tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attriċi d-danni hekk illikwidata minn din il-Qorti;

Bl-ispejjeż inklużi dawk ta' l-ittra uffiċjali ddatata 10 ta' Jannar, 1994";

Rat id-dikjarazzjoni ġuramentata u l-lista tax-xhieda ta' l-attriċi;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut li biha eċċepixxa:

Illi l-ewwel talba għandha tiġi miċħuda u dan peress illi għall-inċident *de quo* kienet taħti l-istess attriċi sinistrata;

Illi jsegwi li, u dan riferibbilment għat-tieni domanda, m'hemmx danni ta' l-attriċi biex jiġu illikwidati fil-konfront ta' l-

eċċipjent;

Illi jiżdied u jsegwi u dan riferibbilment għat-tielet talba li m'hemmx danni li l-eċċipjent għandu jiġi kkundannat iħallas lill-attriċi;

Salv eċċezzjonijiet oħra";

Rat *id-dikjarazzjoni ġuramentata u l-lista tax-xhieda tal*-konvenut;

Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti;

Semgħet it-trattazzjoni;

Rat il-verbal tad-9 ta' Ġunju, 1995 li bih il-kawża tħalliet għal-*lum* għas-sentenza;

Ikkunsidrat:

L-attriċi ddikjarat illi waqt li kienet qed taqsam minn fuq iż-*zebra crossing* fi Triq il-Kostituzzjoni, il-Mosta, intlaqtet minn vettura misjuqa mill-konvenut. Fatt dan li ġie ppruvat. Anzi lanqas m'hu miċħud mill-konvenut li pero' jeċċepixxi illi għall-inċident kienet taħti l-istess attriċi. Jiġi nnotat għax rilevanti illi *ż-zebra crossing* in kwistjoni hi waħda importanti ħafna u ferm użata in kwantu tipprovdi aċċess protett lil ħafna nies li jidħlu u joħorġu fil-parroċċa tal-Mosta kif ukoll li jaslu jew iridu jmorru fit-*terminus* tax-*charabancs* u l-uffiċċji taċ-Ċentru Ċiviku. *Zebra Crossing* li f'ċerti mumenti aktar minn oħrajn ikollha użu kontinwu u qawwi li pero' m'għandhiex, sfortunatament, l-għajnuna ta' *Traffic Lights*

biex jirregolaw il-moviment fuqha. Il-*crossing* mhux biss testendi tul il-wesgħa sħiħ ta' Triq il-Kostituzzjoni imma wkoll oltre billi taqsam il-*bay* tax-*charabancs* sal-bankina faċċata. Bejn iż-żewġ bankini estremi hemm *Traffic Island* forma triangolari li tippermetti lil min irid jaqsam min-naħa għall-oħra li jinterrompi t-traversata b'mod li jkun jista' jaqsam f'żewġ stadji u b'hekk jikkontrolla aħjar it-traffiku u jaqsam b'aktar sigurta`. Il-*pedestrian* allura hu adegwatament protett u jekk jagħmel użu mill-faċilitajiet imqiegħda a disposizzjoni tiegħu u jaqsam bil-galbu m'għandux jinkorri perikolu. Mill-banda l-oħra s-sewwieq hu mogħti avviż adegwat ta' l-eżistenza tal-*pedestrian crossing* u hu allura fl-obbligu li jieħu dawk il-prekawzjonijiet indikati mir-regolamenti għal min ikun qed jersaq lejha biex jagħti l-preċedenza lill-*pedestrian*;

Fl-okkorrenza tas-Surġent li nvestiga l-każ hekk irreġistra:

*Omissis*;

Mill-provi ġie stabbilit:

*Omissis*;

Mill-provi l-Qorti waslet għall-konvinċiment illi l-attriċi ma rnexxiliex tipprova sodisfaċentement ir-responsabilita` tal-konvenut għall-inċident. Waslet invece għall-konvinzjoni kuntrarja illi l-inċident ġara minħabba nuqqas ta' attenzjoni da parti ta' l-istess attriċi għar-regoli li jinkombu fuq il-*pedestrian* u li kienet tenuta li tosserva anke jekk kienet ser taqsam fuq iż-*zebra crossing*. Iż-*zebra crossing* ma tagħti l-ebda immunita` lill-*pedestrian* li jaqsam kif ġie ġie jew bl-addoċċ bla ma jagħti każ li bl-aġir tiegħu jissorprendi lid-*driver*. Il-*pedestrian* għandu l-obbligu li juża ż-*zebra crossing*

bil-prudenza u b'mod li l-aġir tiegħu ma jkunx tant irraġonevoli li jimbarazza lid-*driver* attent. Hekk jidher li ġara fil-każ taħt eżami. In fatti waqt li hi stess taċċetta li l-konvenut waqaf meta u kif kellu jieqaf appena resaq lejn iż-*zebra crossing*, taċċetta wkoll li hi ma qasmitx meta qasam il-grupp ta' nies li nzertat kienet magħhom, inkluż oħtha. Mhux biss bdiet taqsam warajhom imma bdiet taqsam wara li l-grupp kollu, inkluż oħtha, kienu laħqu qasmu *t-triq kollha* u waslu sal-bankina opposta. Kellu allura raġun il-konvenut jaħseb illi l-attriċi ma kinitx intenzjonata taqsam u kien allura ġustifikat li jerġa jaqla' u jsuq;

*Omissis*;

Il-Qorti allura waslet għall-konvinzjoni illi l-kawża prossima u mmedjata ta' l-inċident kien il-mod traskurat u diżattent kif l-attriċi ppruvat taqsam fuq iż-*zebra corssing*. L-aġir tagħha ħoloq inċertezza fid-*driver* li kien ġustifikat jaħseb li l-attriċi ma kinitx ser tkompli taqsam mal-bqija u din l-inċertezza ssarrfet f'emerġenza subitaneja meta l-attriċi f'salt qabdet u qasmet. Kellha fiċ-ċirkostanzi almenu l-obbligu li tattira l-attenzjoni tal-konvenut li hi wkoll kellha l-ħsieb li tittraversa ż-*zebra crossing* u dana qabel tirfes fuqha. Dan m'għamlitux u ħadd ma jaħti għal dak li ġara ħlief hi stess;

"Il-*pedestrian* għandu ċertament drittijiet fiċ-ċirkolazzjoni tat-traffiku, imma għandu wkoll obbligi;

Jekk il-*pedestrian* ikun qiegħed ruħu f'post fejn mhux suppost ikun u d-*driver* li jkun qiegħed isuq karozza b'mod regolari jsib ruħu f'posizzjoni ta' emerġenza subbitaneja minħabba fih, dak id-*driver* m'għandux jiġi tenut ħati ta' sewqan perikoluż u tal-konsegwenzi li jista' jsofri f'dik il-kontinġenza" (*Vol. XXXIX* -

P.IV - p. 1031);

Il-Qorti hi għalhekk tal-fehma li l-attriċi ma rnexxilhiex tipprova l-ewwel premessa tagħha illi l-konvenut kien responsabbli in toto jew in parte għall-akkadut. It-talbiet tagħha allura ma jistgħux jiġu sostnuti;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċidi l-kawża billi tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut u tiċħad it-talbiet ta' l-attriċi bl-ispejjeż kontra tagħha.